# Ix-Xiħ ta' l-Irdum

Qattajt siegħa fuq l-irdum ta' Bingħisa, tkexkixt u thennejt. Tkexkixt minn dak l-għoli kollu, minn dik l-għamla u qatgħa ta' blat. "Oqgħod b'seba' għajnejn li ma titfixkelx f'xi ġebla, f'xi ħofra, f'xi xewk u tkejjel l-għoli tiegħu; tersaqx fit-tarf wisq, jaqbillek. Ma tarax li dan l-għoli kollu, li xejn ma int imdorri bih iġiblek il-mejt malli tħares 'l isfel, ma tarax illi fi bnadi l-blat joħroġ aktar 'il barra mill-bqija u jista' jqarraq bik, taħsbu sħiħ fejn ma jkunx?" Hekk bdejt ngħid bejni u bejn ruħi kif kont miexi daqs qasba bgħid minn xifer l-irdum.

Stħajjiltu jiblagħni jekk noħroġ wieqaf sat-tarf. Issaħħart bil-lewn tal-baħar, bis-safa ta' l-arja, bil-għanja ħajja, ħelwa, għajjiexa tal-bilbla fil-għoli, fid-difa kaħlani, bil-ġmiel ta' kollox, bil-ġmiel tal-ħolqien. Bgħid mill-ibliet, minn kull triq mill-għagħa, qalb il-blat f'dak ix-xagħri ħawli, mal-għana saħħari tal-għasafar, qalb ir-riħa għaxxiexa tax-xtieli, taħt in-nir tas-sema, ġol-ħemda, bid-dawl, fil-beraħ, ħassejtni nieħu ħajja ġdida, nimtela b'qawwa blatija, ħassejtni għal qalbi, biċċa waħda ma' dak il-ħolqien, sibt hena, sibt mistrieħ. Kollox beda jwetini.

Waħdi hemmhekk, bħal ruħ żota, għall-ewwel tlajjejt, imbagħad inżilt qajl qajl bil-qiegħda ħa nara, nitpaxxa, nitgħaxxaq, nitgħaxxex b'dik is-sura ta' hena.

Inqas minn tefgħa ta' ġebla bgħid minn Għar Ħasan qgħadt bil-qiegħda fix-xifer sewwa ta' l-irdum 'ma f'naħa fejn stajt inżomm ma' blata żonqrija meta nixref 'il barra.

F'dik il-lejla sajfija mingħajr l-eħfef fewġa u l-iċken ħajbur, il-baħar kien żejt, xejn mewġ, xejn ħlief fil-wiċċ. Lewnu ikħal xehbieni lejn ix-xefaq, b'roqgħat ta' kull għamla u qatgħa ħafna aktar koħol bgħid mill-art, kien ikħal sewdieni, aktar dagħmieni milli kaħlani taħt l-irdum. Fi ftit bnadi biss kien jidher il-qiegħ, il-bqija moħbi mill-baħar u mid-dell ta' l-irdum. Lewnu hemm taħt xejn ma jiġbdek, jimbuttak, iwaħħxek. Il-ħsejjes tiegħu mal-blat, fil-ħofor, fix-xquq, kienu jżidu l-waħx ta' lewnu dagħmieni.

Il-ferilli, id-dgħajjes, il-kajjikki, bis-sajjieda bieżla, ħawtiela, ħaddiema, kienu jwennsuni, jnaqqsu mill-kruha tal-ħsejjes ta' l-ilsna, iżidu fis-sbuħija tal-baħar, ikattru l-hena ta' ruħi.

X'dehra sabieħa għandha Filfla minn hawn fuq! Mdawra bil-baħar, bħal mgħottija minn star irqieq, kif tħajrek, tistiednek għal għandha! Ma nafx; saħħritli għajnejja, żammithomli msammrin fuqha bla ma nista' nwarrabhom, inneħħihom,

Smajtha donnha bħal tgħidli: "Tgħaxxaq bija kemm trid, 'ma aħjar titgħallem minni. Għolew miegħi l-ħalel, ħabbat miegħi l-baħar, ried jiblagħni; 'ma hawn għadni b'inkejja tiegħu; qis li tagħmel bħali, qis li ma tħallix il-mewġ tal-ħajja, xi qada, xi dwejjaq jagħalbuk. Dejjem il-baħar iħabbat miegħi 'ma jdum sa jtemmni. Ara li t-taqdir tal-ħajja ma jeħodlokx rasek, jimlielek qalbek u jtemmek qabel żmienek." Ħadt għalma minn dik il-blata għolja, wieqfa f'nofs il-baħar !

Hawn ħdejja l-irdum għall-ewwel qisu maqtugħ b'imterqa —lixx, sħiħ, biċċa waħda, aktar 'l isfel imħatteb, imħaffer, imxaqqaq. Il-blat tiegħu huwa ħamrani f'naħiet, safrani f'oħrajn, hawn kark hemm ħafif; iż-żewġt ilwien imħalltin fi bnadi oħra. Ħdura mal-blat kemm trid; fil-għoli, 'l isfel, kullimkien ħdura sabiħa, qawwija, xejn midbiela; ħdura li torqom il-ġmiel tal-blat, li iżżejjen mhux ftit dak l-irdum—ħajja fil-mewt !

Inħares lejn dan il-ġmiel insejt il-għoli tiegħu. Inġbidt il-ġewwa. L-irdum jispiċċa f'qatgħa ta' blat maħruġa 'l barra ma' wiċċ l-ilma, jinżel fi xtajta żgħira. Il-blat tagħha hu kollu mħaffer, snienu jaqtgħu daqs sikkina, iebes daqs iż-żonqor. Fuq din ix-xtajta hemm blata wiesgħa, għolja, twila. Kont medhi nara nsibx minn fejn inqagħtet, minn fejn ingħażlet u waqgħet, meta ntbaħt li xiħ għakka jgħakkeż fuq ħatar kien riesaq lejja.

"Saħħa, missier," għedtlu malli qomt u mort ħdejh biex inwieżnu u ngħinu li ma jmurx jaqa' f'dak ix-xagħri għaqquxi, "kif int ?" "Saħħa ibni, ħalli lili nistaqsik kif int li għadek żagħżugħ; kif nista' nkun jien ja ibni ? Riġli fil-ħofra, nistenna li Alla jiġborni miegħu," wieġeb ix-xiħ.

"Għadek tajjeb, missier. Ma jidherlix li wasalt biex tħallina; kemm tgħodd ?"

"Ma baqagħlix wisq biex nagħlaq disa' għaxriet, ibni, u rajt u rajt fihom tabilħaqq !" wieġeb għal mistoqsijiet ix-xwejjaħ. Wiċċu kien xhieda ta' kliemu. L-imrar u ż-żmien ħartulu moħħu, ħaddejh, wiċċu kollu. Dirgħajh u riġlejh kienu jirtogħdu sħiħ.

"Ogħqod ħdejja," tlabtu jiena.

Ix-xwejjaħ sama' minni. Għentu sa joqgħod, ferrajtlu bieqja tè milli kelli u newwilthielu, "Ixrob, tagħmillek il-ġid !" għedtlu.

"Nħossha tiftaħli għajnejja," qal meta xorobha, "ma għandi xejn biex inħallsek !"

"Min staqsik għall-ħlas," weġibtu, "jien tajthielek.".

"Kollox minnu, ibni !"

"Rajt fuq wiċċek, missier," staqsejtu jien. Ħassejtni ninġibed lejh, xtaqt inkun naf xi ħaġa fuqu, ġrajjietu. Huwa ma weġibx, anqas qal qizd, baqa' jħares lejja. Fl-aħħar kiser is-skiet, "Ngħidlek xi ħaġa fuq fuq minn ħajti li għandha

x'taqsam ma' dan l-irdum," "Qatt ma għidt għommti 'l ħadd. Ngħid lilek. Oqgħod ismagħni, jekk inxebbgħek, għidli, nieqaf. Hemm taħt, f'saqajn dan l-irdum biex ngħid hekk hemm blata kbira. Dik il-ġebla kienet hawn fuq, fix-xifer. Kienet ħafna akbar ta' l-inqas darba oħra daqs li hi llum. Dik il-blata kellha biċċa oħra itwal minnha li kienet toħroġ 'il barra bħal farxa waħedha mill-bqija ta' l-irdum. Kienet twila u rqiqa u biċċa waħda ma' din li baqa'. Konna niskantaw aħna n-nies ta' dawn l-inħawi kif kienet iżżomm f'dak ix-xifer. Ma kinetx miżmuma minn blat ieħor. Kienet iżżomm imxerrfa bit-toqol tagħha biss. Kif kellha tinżel !"

Hawn ix-xiħ triegħed sewwa—ftakar f'dak il-jum meta niżlet. Gedwed talba waħdu. Ma fhimtx għall-ewwel 'ma wara fhimt għala. Dam ma raġa' beda.

"Aħjar li baqgħet kif kienet," kompla x-xiħ, "għax kieku ma kienx jiġri l-hemm li ġara wara. Żewġt irġiel kienu għaddejjin minn hawn. Jiena kont fuq dikkiena ħada l-girna tagħna f'dan ir-raba' ta' hawn, rajthom, u mort lejhom—wieħed minnhom kien missier l-għarusa tiegħi. Feraħ bija, Alla jaħfirlu. Qalli fost ħwejjeġ oħra biex nieqaf ma' bintu u ma' martu meta jonqos; donnha qalbu ħebritu li tmiemu kien wasal. F'daqqa waħda l-Irjal, (b'dan il-laqam kien magħruf ir-raġel l-ieħor) dar lejn Ġannikol, missier għarusti u qallu, "Ġan, nagħmlu ħaġa. Inħassru d-dejn tiegħek miegħi, jekk għandek ħila tasal sax-xifer ta' dik il-blata !" L-Irjal qallu hekk mhux għax kien jobogħdu. Ġannikol kien ħabibu u hu li kien tat-tajjeb ried iħassar dak id-dejn (ħaġa żgħira) bla ma jagħti jaħseb 'il sieħbu li għamlu bi ħniena għalih. Xejn ma għamel bil-għan u bil-ħani l-Irjal. Ġannikol ħatfu malkelma, 'marret ?' staqsieh, 'marret' wieġbu l-ieħor. Ġannikol eħfef minn għafrit qabeż qabża għal fuq il-biċċa rqiqa mtarrfa bla ma qies xejn x'ser jagħmel. Ġanni kien mogħla hawn, mibrum, tqil. Il-blata tgħeżżet, iċċaqilqet, 'ma dak ma beżax, baqa' miexi 'l quddiem lejn tarfitha.

"Żomm, ejja l-ura," għajjatna f'daqqa jien u l-Irjal. Rajna l-blata tinqala', tinferaq. Tkexkixna, inxifna ġe fina, tbikkimna. Rajna li Ġannikol mitluf. It-toqol tiegħu f'tarfitha qanqal il-blata, ġegħilha tinżel lejn dik in-naħa tiegħu. Ġannikol ħassha terħi taħtu, dar, 'ma għalxejn, kien mitluf !

"Għax ma nxħettux it-tnejn int u l-Irjal fuq in-naħa l-oħra? qbiżt għedtlu jien hawnhekk.

"Għamilna hekk, 'ma kollu ta' xejn. Il-blata f'leħħa ta' berqa żżerżqet u nqalbet 'l isfel bih b'kollox. Hu għajjat għajta b'leħen li kexkixna, waħħaxna, qatagħna. Xrifna barra minn xifer l-irdum, ħsibna li hu jkun imfattar minn dil-misħuta ta' blata, iżda ma kienx. L-imsejken l-ewwel ħabat rasu, moħħu tar, u Ġanni baqa' mejjet fil-waqt li nstabat b'laħmu u xaħmu.

Anqas kien jingħaraf wiċċu meta ġbarnieh. J'Alla għandu l-mistrieħ ta' dejjem !"

Ix-xwejjaħ waqaf ma' l-aħħar kelma, wiċċu sar isfar lellux, dirgħajh niżlu mitluqa u hu xxejjer lejja. Kellu ħass ħażin fuqu. Kienet biċċa ta' traqqiq ir-ruħ għalih dik li jġedded ġrajja ta' dik ix-xorta. Ħassejtni mkexkex. Żammejtu, meddejtu fuq il-blat, sqejtu ftit te. Ġrejt ngħaddas makturi fl-ilma f'Għar Ħasan, irġajt lura ħdejh, u xarrabtlu wiċċu. Għidt li sa jmut hemm bgħid minn kull għajnuna.

Wara ftit stejqer, raġa' ħa lewnu. Ridt nieħdu d-dar 'ma hu ta' ras iebsa bħax-xjuħ kollha, ried jurini l-imrar ta' qalbu. Qal li ma jafx x'ġiegħlu jħobbni, jistqarrli ġrajjietu.

"Ma noqgħodx ngħidlek x'ħoss tal-biża' għamlet il-blata ma' dik ix-xtajta, anqas kif il-biċċa rqiqa nqasmet biċċiet u baqa' l-biċċa ħoxna li hemm illum. Ngħidlek imma li l-Irjal ħada f'qalbu sewwa l-mewt ta' ħabibu, qal li hu kien jaħti. Waqaf ma' mart Ġannikol kemm felaħ wara.

Mewt Ġannikol kienet nixxiegħa ta' hemm akbar għalija. Għarusti, bintu, ma setgħetx issib sabar wara mewtu. Hu kien iħobbha b'qalbu kollha, kienet id-dawl ta' għajnejh, il-hena ta' qalbu, it-tama ta' ħajtu. Kien itiha kull ma trid, jixtrilha kull ma tixtieq. Tħobbu hi kienet, xejn anqas minnu. Xerrdet dmugħ, ma trejqetx għal żmien u ġġennet. Kliemi ma seta' qatt ifarraġha.

Xi jiem wara din il-ħsara mort nistâd 'il barra minn dawn in-naħiet ma' ieħor. Għal xit-tmienja ta' fil-għodu rajna xebba fuq l-irdum. Qalbi għamlet tikk, imsarni niżlu f'saqajja, għidt 'l ieħor naqdfu lejn l-art. Qdifna, intbaħna x'sa tagħmel, għajjatna, ma kellhiex ħsiebna. Hemżet djulha, raddet is-salib u ħaditha għal isfel.

Wasalna ħada dik il-misħuta ta' xtajta u nsib 'l għarusti b'daharha maqsum tnejn fuq dik ix-xewka ta' blat bħal tarġa li hemm. Tbellaht meta għaraftha, għannaqtha, tlabtha b'leħen imħannen tiftaħ għajnejha, tħares lejja, ġbidtha lejja, bistha. Bexxqet għajnejha ruħi qalbi, bħal tbissmitli, u għalqithom għal dejjem f'idejja. Bkejt, olfoqt: kollu ta' xejn. Biżżejjed fuq hekk."

Rajt li lix-xiħ kien qiegħed jagħmillu d-deni kliemu. Intbaħt li hu bi kliemu kien qiegħed jaqsam qalbu u jraqqaq ruħu mill-ġdid. Tlabtu biex jieqaf. L-għaraq kien xaqq għalih.

"Erba' kelmiet oħra, ibni," raġa' x-xiħ wara li ħa nifs qawwi. "Ġarrabt dwejjaq jien. Rajt il-baħar misjuq minn grigal qawwi ma' dwari għoddu sa jħabbatni u jfarrakni; tlift 'l ommi u 'l missieri meta kont għadni tifel, naqsuni l-flus; ġie żmien li ma kellix ħobż, ġie li l-ħtieġ ta' kollox ħaqarni: iżda l-ebda dwejjaq ma għafsuni, ma keddewni daqs dawk

meta rajt 'l għarusti minxura fl-art mejta. Xejn m'hu minqux f'qalbi daqs wiċċha u t-tmiem kiefer tagħha! Xejn ma kien aktar morr għalija minn mewtha! Inqerdu l-hena, it-tbissim, il-ħajja tiegħi għal dejjem ma' mewtha.

Ħobb l-għarusa li għandek, ibni, jekk għandek, ħobbha bħal ma tħobb 'l ommok u 'l ħutek, qimha, mhux kulħadd thenna b'għarustu, ħafna jitilfuha kmieni...... u ħajjethom tisfa mxewka, morra."

Ma nafx x'għidtlu biex inserrħu mit-toqol ta' qalbu, biex insabbru, biex infarrġu. Wiżintu minn taħt abtu biex iqum, wassaltu sal-għorfa tiegħu, sellimtlu biex nitlaq—qalbi kienet mimlija.

Huwa tbissem, taptapli fuq dahri, qalli li ħabbni, li ngħaddi meta nkun 'l hemm, fakkarni biex ma ninsiex kliemu, talabni biex nitlob għal għarustu, berikni u bagħatni. Kien għoddu dalam.

Ma nista' ninsa qatt dak ix-xiħ ta' l-irdum.

Gl.